# "Town and Country Planning": Il-Perit u Lil hinn Minnu

Jiena nixtieq nagħmel l-intervent tiegħi bħala persuna li nipprattika u ngħallem dwar dik l-attività li bl-Ingliż tissejjaħ *Town and Country Planning* u li għaliha, sa issa, għad ma għandniex espressjoni bil-Malti. Biex inkun preċiż, f'Malta din l-attività għadha ma ġietx rikonoxxuta formalment. Minkejja l-fatt li fil-Parlament għaddiet liġi dwar l-ippjanar ta' l-iżvilupp ta' l-art u ġiet imwaqqfa l-Awtorità ta' l-Ippjanar, ma sarux regoli jew kodiċi li jirregolaw il-mod ta' kif jaħdmu dawk li kienu ser jipprattikaw bħala *planners.*

Xi wħud forsi jgħidu, "m'hemmx il-periti li jistgħu u li fil-fatt huma qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol?" Personalment inħossni ftit urtat meta xi ħadd iħallat ix-xogħol li jkunu mistennija jagħmlu l-*planners* ma' dak li jagħmlu l-arkitetti u l-inġiniera. Użajt il-kelmiet arkitetti u inġiniera għaliex nixtieq nikkummenta fil-qosor fuq il-medjokrità li ġiet imkattra f'dan il-pajjiż permezz ta' l-istituzzjoni anakronista tal-perit. Dan ta' l-aħħar hu bniedem illi hu mistenni jkun jaf jagħmel dak kollu li f'għajnejn in-nies għandu jew jista' jkollu x'jaqsam mas-settur tal-bini u kostruzzjoni u ta' l-iżvilupp ta' l-art.

Biex ma ntawwalx, bis-saħħa tal-mod dilettantesk ta' kif inhi organizzata l-professjoni tal-perit Malti, spiċċajna bid-diżastri li naraw f'kull rokna ta' Malta u ta' Għawdex. Irridu naċċettaw darba għal dejjem li fis-settur ta' l-iżvilupp ta' l-art hemm diversi speċjalizzazzjonijiet u li hu impossibbli li nistennew persuna waħda tagħmilhom b'mod kompetenti. Per eżempju, dik il-parti tax-xogħol li suppost jagħmel il-perit li tissejjaħ arkitettura għandha

---



PAUL GAUCI jgħallem it-teorija u metodi ta' l-ippjanar u l-urbanistika fid-Dipartiment ta' l-Arkitettura u d-Disinn Urban, ta' l-Università ta' Malta. Bħalissa qiegħed jikkonkludi teżi dwar is-sistemi ġodda ta' ppjanar f'Malta. Qiegħed jagħmel xogħol dwar ir-rijabilitazzjoni ta' ċentri urbani ma' xi kunsilli lokali u hu membru tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar.

x'taqsam ma' l-organizzazzjoni ta' l-ispazju u d-dehra tal-bini. Il-bicca l-oħra, jiġifieri l-inġinerija, hi responsabbli għall-istruttura tal-bini, l-infrastruttura fiżika, ecc. Hemm diversi speċjalitajiet oħra li nista' nsemmi, però l-ħin hu limitat. Il-*planners* qegħdin hemm sabiex jaraw li l-art tiġi użata bl-aktar mod razzjonali possibbli. It-taħriġ meħtieġ għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet hu totalment differenti minn ta' l-oħrajn u ma nistax nifhem kif dawk li suppost jafu xi ħaġa dwar dan is-settur u qegħdin f'pożizzjoni li jinfluwenzaw il-politika pubblika (*public policy*) mhux talli ma għamlu xejn dwar dan iżda dejjem appoġġjaw is-sistema.

Minħabba d-densità tal-popolazzjoni Maltija u l-kompetizzjoni dejjem tiħrax bejn użijiet differenti u, ħafna drabi, kunfliġġenti ta' l-art, f'dan il-pajjiż kellna l-ħtieġa nirrikonoxxu d-differenzi msemmija hawn fuq mill-anqas fil-bidu tas-sittinijiet – meta beda l-proċess ta' industrijalizzazzjoni. Il-ftit avvanzi li kienu bdew isiru fil-mod ta' kif is-settur ta' l-iżvilupp ta' l-art seta' jiġi organizzat rajna kif għamilna u farrakniehom meta fl-1972 saru tibdiliet rigressivi lis-sistema ta' taħriġ ta' l-istudenti ta' l-arkitettura u inġinerija. Issa qegħdin inħallsu l-prezz ta' dawn l-iżbalji u qegħdin nagħmlu ftit wisq, fl-opinjoni tiegħi, biex nikkoreġuhom. Per eżempju, l-Università ta' Malta qiegħda, fl-opinjoni tiegħi, taċċetta wisq studenti biex isegwu l-kors li jwassal għall-Baċċelerat fl-Inġinerija u l-Arkitettura. Dan ħa jfisser li fil-futur qarib ser ikollna *oversupply* ta' periti Maltin li, u kif soltu jiġri f'Malta, ser ikollna nibdew nivvintaw ix-xogħol ta' bini biex inħaddmu lilhom u nies oħra li ma jkunux flessibbli biżżejjed biex jagħmlu tip ta' xogħol ieħor. F'ċirkostanzi bħal dawn, dawk li jopponu l-iżvilupp bla rażan u ta' kwalità baxxa jiġu mgħajrin mil-lemin li huma *NIMBYs* u *BANANAs* u mix-xellug li għandhom kontra l-ħaddiema għaliex l-iżvilupp isarraf f'xogħol. In-nuqqasijiet ta' dawk li ma kinux kapaċi jantiċipaw il-problemi tal-futur jew li rrifjutaw jagħmlu xi ħaġa konkreta, konvenjentement jintesew.

Issa nixtieq nitkellem ftit fuq dak li verament ġejt biex nitkellem fuqu – l-ippjanar dwar l-użu ta' l-art (*land use planning*). Forsi jkun tajjeb li nibda billi ngħid illi bħal f'kull attività li għandha x'taqsam mal-politika pubblika (*public policy*) hemm diversi dibattiti bejn it-teoristi u l-prattikanti. Xi wħud minn dawn id-dibattiti huma ta' ċerta importanza u jkun tajjeb li l-politiċi jkunu jafu dwarhom, kemm ħalli jifhmu aħjar xi jkun wassal biex ċerti pariri u mhux oħra jingħataw lilhom mill-"esperti" u wkoll għaliex, kif ser nuri, jista' jkun hemm lok fejn huma jagħtu l-kontribut tagħhom fil-proċess ta' l-ippjanar b'modi aktar effettivi.

Fost dawn id-dibattiti nsibu d-differenzi bejn dawk li jħarsu lejn l-ippjanar bħala proċess purament teknokratiku, fejn il-*planners* ikunu dawk l-esperti li jafu jħaddmu ċerti metodi jew *techniques* illi jwassluhom sabiex jipproduċu

pjan li jkun teknikament korrett u għalhekk ftit ikun hemm lok għal diskussjoni. Min-naħa l-oħra hemm dawk li jħossu illi l-attività ta' l-ippjanar hi waħda essenzjalment politika minħabba illi din tinvolvi għażliet li jistgħu jaffettwaw b'mod tajjeb jew ħażin lil ċerti nies u mhux oħrajn. Għalhekk dawn jargumentaw illi l-ippjanar ma għandux jinqata' mill-proċess demokratiku u għandu jkun hemm lok għal diskussjoni miftuħa u negozjar sabiex id-deċiżjonijiet finali jkunu kemm jista' jkun ġusti.

Marbut ma' dan hemm ukoll id-differenzi bejn dawk li jargumentaw illi pjan għandu jkun flessibbli u dawk illi jħossu illi pjan għandu jkun ċar u dettaljat. Ta' l-ewwel isostnu illi l-flessibbiltà tagħti lok sabiex pjan ikun jista' jlaħħaq ma' l-inċertezzi tal-futur, filwaqt li għall-oħrajn il-kapaċità tal-*planner* hi dik li jipproduċi pjan li jkollu *targets* dettaljati u jilħaqhom. Xi snin ilu kellna dibattitu simili rigward l-ippjanar ekonomiku.

Għalija dawn li semmejt huma fost dawk id-dibattiti permanenti li għalihom ma hemmx soluzzjoni waħdanija u aħħarija. Kull naħa fl-istess ħin għandha u ma għandhiex raġun. L-akbar żball li jista' jsir hu li xi ħadd jiddeċiedi li hemm xi formula maġika ta' kif ikun l-aħjar mezz li bih isiru l-affarijiet. Xi jwassal sabiex pjan jirnexxi jew ma jirnexxix jiddependi fuq ħafna fatturi – għalkemm, kif ġara f'Malta fil-passat, xi drabi jkun evidenti li pjan ma jkunx irnexxa għal raġunijiet partikolari. Bħala eżempju, naħseb li nkun korrett jekk nipproponi li l-pjanijiet dwar l-użu ta' l-art li saru fis-sittinijiet ma sar xejn dwarhom għaliex ma kienx hemm il-ħeġġa politika, filwaqt li fis-sebgħinijiet u meta għaddiet il-liġi tal-Building Development Areas (BDA) ma kien hemm l-ebda interess biex ix-xogħol isir b'mod professjonali u kif suppost – rieda politika kien hemm kemm trid, iżda d-direzzjoni kienet żbaljata.

Issa niġi għal dak li qiegħed isir bħalissa. Meta saret id-deċiżjoni sabiex issir xi ħaġa dwar l-ambjent fiżiku u l-użu ta' l-art f'Malta, ma kinitx xi sorpriża illi ħafna ħassew illi kellha titwaqqaf sistema ta' pjanar teknokratika (*ie.*, ċara u bla kompromessi) u riġida. Dawk li xtaqu li jsir xi ħaġa kellhom raġun iħossu li la setgħu jafdaw lill-politiċi u lanqas lin-negozjanti tal-proprjetà. Ħafna kienu u għadhom jissuspettaw li dawn jew jaħdmu flimkien jew huma l-istess nies. Għalhekk kienet ħaġa naturali li jistennew *approach* fejn kollox jidher ċar u li ma jħallix lok għal negozjati li ġeneralment ikunu mistennija li jiġbdu lejn min jiflaħ.

Min-naħa l-oħra n-nies involuti fl-ewwel inizjattivi biex isir il-Pjan ta' Struttura ħassew illi kellhom imorru għas-sistema Ingliża, li hi bbażata ħafna fuq diskussjoni pubblika u fuq il-flessibbiltà – jekk din titqabbel mas-sistemi li jidhru li huma aktar ċari u forsi riġidi li huma użati fil-kontinent. Jekk dan kellux isir jew le, u x'jirrifletti dan it-tip ta' aġir hu suġġett għal ħafna diskussjoni. Biżżejjed ngħid illi jekk jiġi aċċettat il-prinċipju illi l-attività ta'

l-ippjanar hi jew għandha tikkostitwixxi parti organika tal-mod kif komunità tmexxi lilha nnifisha, għandu jkun hemm dubji serji dwar kif l-"esperti" Ingliżi, li suppost ġew biex jgħallmuna nħaddmu s-sistema l-ġdida, qed jitħallew jiddominaw il-mod ta' kif isiru l-affarijiet f'dan is-settur.

Għalhekk f'Malta importajna sistema illi barra li żviluppat f'ambjent politiku differenti minn tagħna, kienet iddisinjata sabiex ma tinqatax daqshekk għal rasha mill-proċessi demokratiċi. Il-mod kif inhu miktub il-Pjan ta' Struttura infatti jħalli lok għal żvilupp aktar dettaljat ta' ħafna mill-*policies* tiegħu. Dan, barra li sar sabiex ikun hemm il-flessibbiltà sar ukoll biex iħalli lok għal aktar diskussjoni dwar x'għandu u x'ma għandux isir. Minn naħa l-oħra nissuspetta illi l-mod ta' kif inhi strutturata l-Awtorità ta' l-Ippjanar u kif din xi kultant taġixxi għandu t-tendenza li jkun tat-tip li hawn fuq sejjaħtlu teknokratiku. Għalhekk jista' jiġri li f'ċerti deċiżjonijiet kontroversjali, interpretazzjoni uffiċjali ta' xi *policy* jew *policies* tista' tiġi ppreżentata mill-istess Awtorità bħala l-waħda teknikament korretta u għalhekk indiskutibbli. Billi l-*planners* li jaħdmu f'Malta ma humiex marbutin bl-istess tip ta' *liabilities* personali li huma marbutin bihom professjonijiet oħra u billi flimkien ma' ħafna mill-membri fil-Bord ta' l-Awtorità ma humiex *accountable*, l-ippjanar dwar l-użu ta' l-art qiegħed isir f'ambjent organizzattiv li fih innifsu fih bosta tensjonijiet. Hawnhekk, nixtieq nirreferi għal dak li qal Joe Friggieri qabli dwar dawk it-tensjonijiet li jkollna ngħixu magħhom. Dan, però, ma għandux ifisser li qiegħed nissuġġerixxi illi ma nagħmlu xejn u kollox jibqa' kif inhu. Irridu naraw x'jista' jinbidel għall-aħjar, iżda dan irid isir b'ħafna attenzjoni u ċertament mhux b'mod impulsiv. M'hemmx soluzzjonijiet faċli.

Issa nixtieq nitkellem ftit dwar l-aspett sostantiv ta' l-attività ta' l-ippjanar, jiġifieri dwar il-kontenut ta' pjan jew pjanijiet. Bħalissa pjan ta' l-użu ta' l-art serju ta' bil-fors irid jipproponi bidliet li għalihom ftit nies ser ikunu ppreparati. Dan minħabba t-traskuraġni li biha tmexxiet Malta, fejn għandu x'jaqsam ma' l-ambjent fiżiku, minn meta beda l-proċess ta' industrijalizzazzjoni fis-snin sittin u forsi anki qabel. Personalment ma nħossx li nista' naċċetta l-iskuża li f'dawn iż-żminijiet kien hemm prijoritajiet oħra għal min kien qiegħed imexxi. Meta kien ser jiġi ppubblikat l-ewwel pjan ta' żvilupp ekonomiku kien sar xogħol rigward ir-relazzjoni bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-użu ta' l-art – iżda dan ix-xogħol ġie injorat. Barra minn hekk, kellna l-esperjenzi ta' pajjiżi oħra minn fuq xiex nitgħallmu. Ma sar xejn għaliex kien hemm min kellu interess li ma jsir xejn, u min kellu dan l-interess jew kellu jew kien qrib il-poter.

Fost dawk il-problemi jew *issues* li f'Malta, bħal f'partijiet oħra tad-dinja, hemm il-ħtieġa li jsir xi ħaġa fuqhom żgur hemm in-namra esaġerata li l-Maltin rabbew mal-karozza u l-għażż u l-mard li din iġġib magħha; l-aspirazzjonijiet stravaganti fejn jidħlu d-djar tagħna (ħafna drabi ssussidjati

mill-Istat); il-mod ta' kif ċerti żviluppi teknoloġiċi rrendew xi attivitajiet (li fil-passat kienu biex ngħid hekk innoċenti) relattivament distruttivi; il-fatt illi ħafna nies iqisu li l-ispazju pubbliku tista' tagħmel bih li trid (*parking* b'xejn, tfigħ ta' l-iskart kullimkien, eċċ); l-attitudni li kulħadd għandu dritt sagrosant li jaħli l-ilma, l-elettriku, u riżorsi oħra għax dawn għandhom ikunu ssusidjati mill-Istat; il-konsumiżmu; eċċ. Hawnhekk ta' bilfors irridu nħarsu sew lejn l-element politiku ta' l-ippjanar minħabba l-fatt illi jekk verament irridu nagħmlu xi ħaġa dwar il-mod ta' kif inhi użata l-art u dwar l-ambjent fiżiku ta' bilfors irridu nibdew nindaħlu f'dawk l-aspetti tal-ħajja li għal ħafna huma meqjusa bħala personali.

Fejn fil-passat il-ħela tar-riżorsi kienet il-privileġġ tal-ftit, issa, fiż-żminijiet demokratiċi, il-ħala meqjusa bħala dritt sagrosant ta' kulħadd. Il-problema, jew parti sostanzjali minnha, inħoss li hi marbuta mar-realtà li l-aktar simbolu qawwi ta' dak li aħna nsejħulu żvilupp hu marbut mal-kapaċità li individwi u/ jew komunitajiet li jixtiequ juru kemm żviluppaw iħossuhom li għandhom juru wkoll kemm huma kapaċi jaħlu. Sa issa nħbejna wara t-twemmin komdu li d-distinzjoni bejn dak li għandu jkun meħtieġ u x'għandu jkun meqjus bħala ħala hi relattiva. Dan forsi kien jagħmel sens meta konna naħsbu li r-riżorsi fiżiċi, inkluża l-art f'Malta, huma infiniti. Issa meta wasal iż-żmien li rridu nagħmlu l-għażliet li qatt ma ridna u ftit nidhru li nixtiequ nagħmlu, kif ser naġixxu? Jekk inħallu f'idejn il-forzi ta' l-hekk imsejjaħ suq ħieles ser nerġgħu lura għal sitwazzjoni fejn is-"sinjur" ikollu l-privileġġ li jaħli, jekk immorru għal politika ta' ndħil fil-*lifestyles* inkunu qed nidħlu ġo *minefield*, jekk nitkellmu fuq l-edukazzjoni nkunu, fl-opinjoni tiegħi, qed nerġgħu naħarbu mill-problema, jekk nibdew niddeċiedu x'inhu lussu u x'inhu bżonn irridu naraw min ser jagħmel l-aħħar deċiżjonijiet, eċċ. Kif qal Andrew Ellul qabli, il-famuż *clichè* li "jew nirristrutturaw jew immutu" ma nistgħux ma nagħtux kasu wkoll fis-settur ta' l-iżvilupp ta' l-art. Però la ser nipproponi xi tip ta' soluzzjoni aħħarija – konvint li kull min hawn preżenti ma jeħodnix bis-serjetà – u lanqas inħoss li nista' nikkonkludi, kif issa saret l-użanza, "hemm bżonn ta' iżjed diskussjoni". Id-diskussjoni hi importanti, iżda d-deċiżjonijiet iebsa jridu jibdew jittieħdu.